MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 35/2012

**Hydrolectric Limited**
**C 9039**

**Vs**

**Rodney J. Degabriele**
**I.D. 48908A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Jannar, 2012 fejn il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, mitejn u disgha u ghoxrin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,229.49) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta’ attrici (kopja statement Dok. A)

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra uffucjali u bl-interessi mid-data ta;-fattur rispettiva kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u disgha u ghoxrin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,229.49) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------